MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 94/2010

**A A**
**vs**

**B C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), mil-liema zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b'mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1)(f) u/jew 19 (1)(g) u/jew 19 (1)(h).

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma ipprezentatx risposta guramentata u b'hekk hija kontumaci f'din il-kawza.

Rat il-verbal tat-23 ta' April 2012 li permezz tieghu Dr Frank Cassar ghall-attur iddikjara illi qieghed jibbaza it-talba tal-attur ghall-annullament taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi xehed l-attur ta’ nazzjonalita Sirjan u qal illi gie Malta fil-bidu tal-1998 bl-intenzjoni li issib xoghol f’Malta u illi jizzewweg u jibni familja Malta. Huwa qabad xoghol mal-ewwel u ftit zmien wara iltaqa mal-konvenuta. Huwa xehed illi l-gherusija tal-partijiet ma kienitx twila, izda il-konvenuta kienet tidher mara sew, ta’ kumpanija tajba u kienu ftehmu illi meta jkollhom l-ulied jitrabbew fir-religjon Musulmana u il-konvenuta ma kellhiex problemi f’dan ir-rigward. Il-partijiet izzewgu u ghal bidu deher li kien kollox sew, it-tnejn kienu jahdmu u wara ix-xoghol kienu jiltaqghu id-dar u jghaddu il-hin taghhom flimkien. Ghal bidu l-attur ma insistiex illi jkollu it-tfal peress illi ried jissoda fil-finanzi. Izda xi sentejn wara xtaq illi jkollu it-tfal, izda induna illi l-konvenuta bdiet tevitah. Meta staqsiha ghalfejn kienet qeghda taghmel hekk wiegbitu li ma rieditx tfal jekk ma jitilghux fir-religjon Kattoliku. L-attur xehed illi l-konvenuta diga kellha tifla minn relazzjoni precedenti u din it-tifla kienet titrabba mill-genituri taghha. L-attur kompla jixhed illi darba minnhom ippressa lill-konvenuta illi ried ikollu it-tfal u hi wiegbitu li ma rieditx iktar tfal ghaliex it-tifla wahda li kellha kienet bizzejjed ghaliha. L-attur xehed illi kien ha din id-decizjoni tal-konvenuta bi kbira ghaliex hass illi kien gie imqarraq mill-konvenuta u hu kien izzewweg biex ikollu it-tfal. L-attur xehed ukoll illi f’dan iz-zmien beda jinduna illi waqt illi kien imur lura id-dar wara ix-xoghol il-konvenuta kienet idum biex tirritorna mix-xoghol u meta kien jistaqsiha ghalfejn, kienet dejjem iggiblu xi skuza u b’hekk ma baqghax jemminha. L-attur irrealizza ukoll illi il-konvenuta ma kienitx qeghda taghmel ix-xoghol tad-dar u kienet tqatta hafna hin barra mid-dar wara ix-xoghol. Ghalhekk ikkonfrontaha u wara hafna mistoqsijiet, il-konvenuta ammettiet illi kienet qeghda tiehu id-drogi u li kienet ilha b’dan il-vizzju snin twal, sahansitra qabel ma izzewgitu. L-attur xehed illi dan kien xokk iehor ghalih ghaliex qatt ma kien jaf b’dan il-fatt. Ma kien induna b’xejn ghaliex il-konvenuta kellha il-paga taghha u kienet tuza flusha biex tixtri id-droga. Aktar ma ghadda zmien, l-affarijiet aktar aggravaw, tant li l-attur kien qieghed jghix

hajja ghalih wahdu u ma kien ikun jaf xejn dwar x'kienet qeghda taghmel il-konvenuta. Kien dejjem ikun id-dar wahdu u il-konvenuta dejjem tiggerra barra. Peress illi l-affarijiet marru hafna ghall-aghar, fl-ahhar kienu spiccaw f'punt li kienu qeghdin jghixu hajja separata fl-istess dar u meta hass li kien daqshekk abbanundat, l-attur fittex kumpanija ta' mara ohra, tant li kien beda relazzjoni ma certa XY u illum il-gurnata ghandu tarbija minghandha li semmewha Z u din it-tifla qeghda tittella fir-religjon Musulman. L-attur xehed illi talab illi jiehu l-annullament taz-zwieg ghaliex ihoss li gie imqarraq mill-konvenuta peress li kienet hbietlu l-fatt li kienet mahkuma mill-vizzju tad-droga sa minn qabel ma izzewgitu u ghaliex ukoll qabel iz-zwieg kienet accettat li jkollha tfal minghandu u trabbihom fil-religjoni Musulman, izda wara kienet biddlet il-fehma taghha.

Illi xehdu il-hbieb tal-attur Suleyman Hussein u Sliman Munir illi ikkonfermaw ix-xhieda illi ta l-attur.

Illi xehdet il-konvenuta, illi fil-prezent tinsab detenuta fil-facilita korrettiva ta' Kordin. Hija xehdet illi tinsab il-habs fuq reat ta' serq. Hija ammettiet illi tbaghti mill-vizzju tad-droga u illi ilha tbaghti minn dan il-vizzju sa minn meta kienet zghira. Il-konvenuta ammettiet illi kienet hbiet dan il-vizzju tad-droga mill-attur u qaltlu biss b'dan il-vizzju hafna wara li kienu izzewgu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-attur irnexxielu jipprova illi l-kunsens tieghu inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.

Illi gie ippruvat, illi l-konvenuta, sa minn zmien qabel ma izzewget lill-attur, kienet tbaghti mill-vizzju tad-droga u huwa ben maghruf illi persuna illi tbaghti minn dan il-vizzju ma tkunx tista tagixxi b'mod normali, lanqas bhala cittadina normali li tobdi il-Ligijiet tal-pajjiz u wisq anqas tista taqdi id-dmirijiet taghha ta' mara mizzewga.

Illi effettivment irrizulta illi illum il-gurnata il-konvenuta tinsab detenuta fil-facilita korrettiva ta' Kordin wara li giet misjuba hatja ta' reat ta' serq. Il-konvenuta ammettiet illi ghadha tbaghti mill-vizzju tad-droga sal-gurnata tallum u illi hbiet dan il-fatt mill-attur ghaliex kienet taf illi li kieku kienet tghidlu ma kienx jizzewwigha.

Illi ghalhekk din il-kawzali, li tinsab ikkontemplata mill-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, giet ippruvata.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa it-talba attrici u qeghda tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett. Il-Qorti tordna illi fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------